

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Mejju 2012

li temenda l-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE fir-rigward tal-kriterji ġenerali biex territorju jkun jista' jitqies li hu ħieles mill-bluetongue

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2978)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/253/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-tranżitu fil-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(b) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2004/68/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni u t-tranżitu mill-Unjoni ta' annimali ungulati ħajjin tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I magħha.
- (2) Skont dik id-Direttiva, l-importazzjoni ta' annimali ungulati ħajjin lejn l-Unjoni u t-tranżitu tagħhom minnha għandha tiġi awtorizzata biss minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista jew listi li għandhom jifasslu jew jiġu emendati skont il-proċedura msemmija fihom.
- (3) L-importazzjonijiet ta' annimali ungulati ħajjin fl-Unjoni, għandhom jitħallew biss jekk il-pajjiżi terzi awtorizzati jipprovdi garanzija li l-annimali jkunu ġejjin minn territorju ħieles mill-mard, skont il-kriterji bażiċi ġenerali elenkati fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE u fejn għandu jiġi pprojbit id-dħul ta' annimali mlaqqmin kontra l-mard elenkat f'dak l-Anness.
- (4) Il-bluetongue hija mniżżla fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE. Skont dak l-Anness, għall-ispeċijiet tal-annimali kollha barra minn daww tal-familja Suidae, il-kundizzjonijiet biex territorju jitqies li hu ħieles mill-bluetongue huma li l-ebda każ tal-marda ma kien reġistrat u ma sarx tilqim tul l-aħħar 12-il xahar, b'kontroll xieraq tal-popolazzjoni ta' *Culicoides*.
- (5) Reċentement, bħala riżultat ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda, saru disponibbli "vaċċini inattivati" kontra l-bluetongue li ma jippreżentawx ir-riskju ta' ċirkolazzjoni

lokali mhux mixtieqa tal-vajrus tal-vaċċin għal bhejjem, nagħaġ u mogħoż mhux imlaqqmin. Attwalment jeżisti qbil ġenerali li t-tilqim b'vaċċini inattivati huwa l-għodda preferuta għall-kontroll tal-bluetongue u għall-prevenzjoni ta' mard kliniku f'annimali bħal dawn fl-Unjoni.

- (6) Għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue ⁽²⁾ reċentement ġiet emendata mid-Direttiva 2012/5/UE tal-Parlament u tal-Kunsill ⁽³⁾, biex tipprevedi l-użu ta' vaċċini inattivati fil-partijiet kollha tal-UE.

- (7) Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi fir-rigward tal-bluetongue, u biex ikun hemm konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue ⁽⁴⁾ ġie emendat reċentement. Konsegwentement, l-istandards tal-UE jirrikjedu li, biex territorju jitqies li hu ħieles mill-bluetongue ma jkunx hemm fih ċirkolazzjoni tal-vajrus għal perjodu minimu ta' sentejn. Il-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE għandu jiġi emendat skont dan.

- (8) Id-Direttiva 2000/75/KE u r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 japplikaw għal movimenti fl-Unjoni stess ta' annimali ungulati ħajjin ta' speċijiet suxxettibbli għall-bluetongue. Huwa xieraq li l-kriterji bażiċi ġenerali biex territorju ta' pajjiżi terzi jitqies li hu ħieles mill-bluetongue, kif inhu stipulat fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE, jiġu allinjati mar-rekwiżiti applikabbli fl-Unjoni.

- (9) L-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽²⁾ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.⁽³⁾ ĠU L 81, 21.3.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness II mad-Deċiżjoni 2004/68/KE, l-annotazzjoni għall-bluetongue tinbidel b'dan li ġej:

"Il-bluetongue	ma nstab l-ebda każ tal-marda u ma sarx tilqim tul l-aħħar 24 xahar, b'kontroll xieraq tal-popolazzjoni ta' <i>Culicoides</i>	L-ispeċijiet kollha barra minn dawk tal-genera <i>Bos</i> , <i>Bison</i> , <i>Bubalus</i> , <i>Ovis</i> u <i>Capra</i> u tal-familja <i>Suidae</i> "
----------------	---	--

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni
